

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ ATALANTA/3/2009

tal-21 ta' April 2009

dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bi
ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-
użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)

(2009/369/PESK)

(ĠU L 112, 6.5.2009, p. 9)

Emendata minn:

					Ġurnal Uffiċjali		
					Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Addendum għad-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ ATALANTA/3/2009 tal-21 ta' April 2009 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bi ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (2009/369/PESK)				L 119	40	14.5.2009
► <u>M2</u>	Deċiżjoni tal-Kumitat 2009/446/PESK	Politiku	u	ta' Sigurtà	L 148	34	11.6.2009
	ATALANTA/5/2009 tal-10 ta' Ġunju 2009						
► <u>M3</u>	Deċiżjoni tal-Kumitat 2009/758/PESK	Politiku	u	ta' Sigurtà	L 270	19	15.10.2009
	ATALANTA/7/2009 tat-2 ta' Ottubru 2009						
► <u>M4</u>	Deċiżjoni tal-Kumitat 2010/184/PESK	Politiku	u	ta' Sigurtà	L 83	20	30.3.2010
	ATALANTA/1/2010 tal-5 ta' Marzu 2010						
► <u>M5</u>	Deċiżjoni tal-Kumitat 2011/846/PESK	Politiku	u	ta' Sigurtà	L 335	79	17.12.2011
	ATALANTA/5/2011 tas-16 ta' Diċembru 2011						
► <u>M6</u>	Deċiżjoni tal-Kumitat 2014/244/PESK	Politiku	u	ta' Sigurtà	L 132	63	3.5.2014
	ATALANTA/2/2014 tad-29 ta' April 2014						



DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ ATALANTA/3/2009

tal-21 ta' April 2009

dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bi ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)

(2009/369/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja⁽¹⁾ (Atalanta), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(5) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 10(5) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu deċiżjonijiet rilevanti għall-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributuri (KK) għall-Operazzjoni Atalanta.
- (2) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Nizza tas-7, t-8 u d-9 ta' Diċembru 2000 u dawk ta' Brussell tal-24 u l-25 ta' Ottubru 2002 stabbilixxew l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' Stati terzi f'operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet u fl-istabbiliment ta' KK.
- (3) Il-KK ser ikollu rwol ċentrali fil-ġestjoni ta' kuljum tal-Operazzjoni Atalanta. Huwa ser ikun il-forum prinċipali fejn l-Istati kontribwenti kollettivament jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-impjeg tal-forzi tagħhom fl-Operazzjoni. Il-KPS, li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Operazzjoni, ser jieħu kont tal-opinjoni esposti mill-KK.
- (4) Skont l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Stabbiliment u termini ta' referenza

Huwa b'dan stabbilit Kumitat ta' Kontributuri (KK) għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bi ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta). It-termini ta' referenza tiegħu huma stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Nizza ta' Diċembru 2000 u dawk ta' Brussell ta' Ottubru 2002.

⁽¹⁾ ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

▼ B*Artikolu 2***Kompożizzjoni**

1. Il-membri tal-KK għandhom ikunu kif ġej:
 - rappreżentanti tal-Istati Membri kollha,
 - rappreżentanti tal-Istati terzi parteċipanti fl-Operazzjoni u li jipprovdu kontributi militari sinifikattivi ► **M6** — ◀.
2. Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE, id-Direttur Ġenerali tal-Persunal Militari tal-Unjoni Ewropea, jew ir-rappreżentanti tagħhom u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jattendu l-laqgħat tal-KK.
3. Jistgħu jiġu mistiedna terzi persuni għal partijiet rilevanti tad-diskussjoni, skont il-każ.

*Artikolu 3***Presidenza**

Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Presidenza, il-KK għandu jkun ippresjedut mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli jew mir-rappreżentant tiegħu f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Presidenza u mal-President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (CEUMC) jew mir-rappreżentant tiegħu.

*Artikolu 4***Laqgħat**

1. Il-KK għandu jitlaqqa' mill-President tiegħu fuq bażi regolari. Fejn iċ-ċirkostanzi jitolbu hekk, jistgħu jissejħu laqgħat ta' emerġenza fuq l-inizjattiva tal-President, jew fuq it-talba ta' membru.
2. Il-President tal-KK għandu jiċċirkola minn qabel aġenda provviżorja u dokumenti relatati mal-laqgħa. Għandu jiġi ċċirkolat suċċint wara kull laqgħa tal-proċedimenti tal-laqgħat.

*Artikolu 5***Proċedura**

1. Ħlief kif previst fil-paragrafu 3 u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-KPS u għar-responsabbiltajiet tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE,
 - għandha tkun neċessarja l-unanimità tar-rappreżentanti tal-Istati li jikkontribwixxu għall-Operazzjoni sabiex il-KK jieħu deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni ta' kuljum tal-Operazzjoni,
 - għandha tkun neċessarja l-unanimità tal-membri tal-KK sabiex il-KK jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar aġġustamenti possibbli għall-ippjanar operattiv, inklużi aġġustamenti possibbli għall-oġġettivi.

L-astensjoni ta' membru m'għandhiex tipprekludi l-unanimità.

▼B

2. Il-President għandu jistabbilixxi li l-maġġoranza tar-rappreżentanti tal-Istati intitolati li jieħdu sehem fil-deliberazzjonijiet tkun preżenti.
3. Il-kwistjonijiet proċedurali kollha għandhom jiġu riżolti b'maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti fil-laqgħa.
4. Id-Danimarka m'għandha tieħu sehem f'ebda deċiżjoni tal-KK.

*Artikolu 6***Kunfidenzjalità**

1. Ir-Regolamenti tal-Kunsill dwar is-Sigurtà għandhom japplikaw għal-laqgħat u l-proċedimenti tal-KK. B'mod partikolari, ir-rappreżentanti fil-KK għandhom ikunu fil-pussess ta' awtorizzazzjonijiet ta' sigurtà adegwati.
2. Id-deliberazzjonijiet tal-KK għandhom ikunu koperti mill-obbligu ta' segretezza professjonali, ħlief meta l-KK b'mod unanimu jiddeċiedi mod ieħor.

*Artikolu 7***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

▼M6
